# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum, it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2020**

**Rik. Gur. Nru.: 4/2011/1 JPG**

**Kawza Nru.: 22**

**AB f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri LF nominata b'digriet tat-18 ta' Jannar 2011**

**Vs**

**SF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' AB, datat 6 ta' Jannar 2011, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti giet ammessa ghal beneficcju tal-ghajnuna legali (inkartament anness Dok A).*

2. *Illi l-kontendenti huma l-genituri tal-minuri LF li twieled f'X (certifikat tat-twelid anness Dok B). Il-kontendenti m'humiex mizzewgin u ma jghixux flimkien.*

3. *Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-28 ta' Jannar 2010 (anness mal-inkartament tal-ghajnuna legali Dok A) l-esponenti giet fdata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri L.*

4. *Illi l-intimat qatt ma hallas manteniment ghal ibnu minuri fuq imsemmi u mhux qed ihallas ebda manteniment.*

5. *Illi l-esponenti gja pprocediet bil-procedura ta' medjazzjoni li ma tat ebda frott u giet awtorizzata tipprocedi bl-istanti b'Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Novembru 2010 (Dok C).*

6. *Illi l-esponenti ma tahdimx u m'ghandha ebda dhul, filwaqt li l-intimat jahdem bhala sprayer ghal rasu.*

7. *Illi skond il-ligi l-intimat ghandu l-obbligu li jmantni skond il-mezzi tieghu lill-ibnu minuri.*

8. *Illi l-intimat ghadu sallum ma hallas jew ikkontribwixxa ebda manteniment ghall-istess minuri.*

9. *Illi l-intimat interpellat biex ihallas jew jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri inklus l-arretrati tal-istess baqa inadempjenti.*

10. *Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qeda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgboha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:*

1. *Tiddikjara li l-intimat bhala missier il-minuri L ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka l-istess minuri tieghu iu dana b'effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri.*

2. *Tillikwida, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkum pagabbli mill-intimat lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri L inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li TISTABILIXXI wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas il-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat.*

3. *Tordna u Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi wkoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u TORDNA illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga ossia introjtu tal-intimat mill-impjieg/xoghol tieghu.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li hi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-dokumenti esebiti u d-digriet tas-smiegh ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta guramentata ta' SF datata 16 ta' Marzu 2011, fol 23, li taqra hekk:

1. *Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li skond sentenza ta' l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet AB pro et noe vs SF (Cittazzjoni numru 20/05 NC) deciza fit-28 ta' Jannar 2010 (Dok B annes mar-rikors guramentat promotur) fuq talba tar-rikorrenti AB, l-esponent gie zvestit mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrent ghal arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri L hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent kien gie eskluz mill-hajja tal-minuri mir-rikorrenti wara li spiccat ir-relazzjoni tal-partijiet u cioe' meta l-minuri kien ghad kellu sena u nofs;*

4. *Illi l-unika azzjoni li ttentat ir-rikorrenti kienet li teskludi lil esponent mill-hajja ta' ibnu l-minuri, u f'ebda stadju qabel ma nbdew il-proceduri odjerna ipproponiet azzjoni sabiex titlob manteniment ghal minuri;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-introjtu tal-esponent huwa limitat kif jista' jigi provat fit-trattazzjoni tal-kawza;*

6. *Illi l-esponenti qed jopponi ghal ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

**Ikkonsidrat;**

**AB** xehdet (vide affidavit a fol. 258 *et seqq.* illi l-partijiet kienu ltaqu' f'April tas-sena 1999 u wara erba' xhur kienet harget tqila. L-partijiet kellhom lil binhom L f'X. Spjegat illi ghalkemm meta kienet tqila l-konvenut kien qalilha illi kien lest li jrabbu lil binhom flimkien, dan filfatt qatt ma gara. Infatti l-partijiet qatt ma ghexu flimkien u l-intimat kien abbandunahom kompletament. Xehdet illi l-konvenut kien imur jara lit-tarbija ghand il-genituri taghha izda kien dejjem imur tard, ghal xi 9.00pm u ftit li xejn kien iqatta' hin mat-tifel, u ziedet li r-relazzjoni tal-partijiet kien sfaxxat meta binhom kellu madwar sena u erba' xhur u minn dak iz-zmien il-konvenut ma riedx ikun jaf biha u lanqas b'ibnu. Kompliet illi hija ppruvat kemm jista' jkun li l-konvenut izomm kuntatt mat-tifel izda l-isofrzi taghha sfaw fix-xejn, tant illi meta darba cemplitlu biex tghidlu li kellhom bzonn jiehdu lit-tifel ghand it-tabib, kien qalilha biex tmur wahedha, filwaqt li wara l-unika darba li kien irnexxielha tiehu lit-tifel biex jarah il-konvenut, il-konvenut kien qalilha biex ma tergax tiehdu ghaliex jaghmel suwicidju. Xehdet ukoll illi anke meta d-dar kienet inharqet, il-konvenut lanqas biss cempel biex jara kif kien ibnu.

Xehdet illi l-konvenut qata' kull tip ta' kuntatt minn Ottubru tas-sena 2001 daqs li kieku qatt ma kellu tifel. Spjegat li waqt is-sena u erba' xhur li kienu flimkien, il-konvenut kien irrikonoxxa l-obbligu tieghu li jmanti lil binhom u kien xtara affarijiet ghalih fosthom *high chair, pram, push chair* u *playpen*, izda wara li spiccat ir-relazzjoni taghhom, il-konvenut waqaf milli jaghtiha kwalunwke forma ta' manteniment ghall-bzonnijiet ta' binhom. Ghalhekk hija dejjem kellha tiehu hsieb lil binhom wahedha u xi drabi bl-ghajnuna ta' ommha. Kompliet illi minkejja dan, il-konvenut dejjem hadem u ghadu s'issa jahdem ghal rasu bhala panel beater u sprayer, filwaqt illi hi kienet u ghada ma tahdimx sabiex tkun tista' tiehu hsieb lit-tifel, u minkejja dan hija dejjem ghamlet hilitha sabiex iben il-partijiet ma jkun nieqes minn xejn. Xehdet illi kienet damet tibghat ittra legali lill-konvenut ghal numru ta' snin sabiex jikkontribwixxi fit-trobbija ta' binhom, u ziedet li meta kienet cemplitlu biex tghidlu li kien obbligat imanti lil binhom kien qalilha biex tibqa' tiehu l-manteniment minghand il-Gvern u li jekk riedet manteniment minn ghandu, kellha tfittxu.

Spjegat li l-ispejjez kurrenti ghall-edukazzjoni tat-tifel jinkludu €150 fis-sena ghall-uniformi, cirka €70 fis-sena ghal *stationery*, cirka €40 fis-sena ghal satchel, lunch box u pencil case, €200 fis-sena ghall-lezzjonijiet privati u €200 ohra ghal files, kotba u photocopies. Ziedet illi mis-sena 2001 it-

tifel kien imur nursery li kienet tiswa €30 fix-xahar, u li minn year 1, it-tifel kien jilbes nuccali u kienet tonfoq €23 kull sitt xhur ghall-vista tal-ghajnejn u minimu ta' €240 ghal kull wiehed mill-ghaxar nuccalijiet li xtratlu. Qalet illi barra minn hekk hemm ukoll l-ispejjez extra-kurrikurali, ghaliex it-tifel jattendi scouts, football, li jiswa €200, u muzew. L-attrici ghamlet ukoll elenku ta' numru ta' spejjez li inkorriet ghall-minuri, inkluz €1,300 ghal computer u laptop, €250 ghal tablet, €23 fix-xahar ghall-internet, €100 ghall-libsa tal-precett u €250 ghall-party, €200 ghall-playstation, €1,000 ghal rota peress li t-tifel kellu d-delizzju tar-rota, €100 ghall-libsa tal-grizma u €200 ghal ikla. Qalet illi barra minn hekk, meta t-tifel kien ghadu tarbija kienet xtrat hrieqi wahedha ghal seba' xhur b'nefqa totali ta' cirka €336, sena u sitt xhur tixtri "Aptamil" b'nefqa totali ta' aktar minn €500, gazazi b'nefqa ta' €25, lozor b'nefqa ta' €30 u kutri b'nefqa ta' €30. Ziedet illi dan kollu oltre l-ispejjez ghall affarijiet bhal ikel, akkomodazzjoni u dawl u ilma.

Xehdet finalment illi wara d-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Gunju 2011 hija bdiet tircievi manteniment ta' €200 fix-xahar, izda thoss illi dan ghandu jizdied u jibda jithallas mid-data meta l-konvenuta abbanduna lilha u lil binhom, u cioe minn sena u erba' xhur wara li twieled binhom.

**In kontro-ezami** a fol 354 *et seqq* xehdet illi hija stenniet sal-2011 sabiex fethet din il-kawza ghaliex mid-Dipartiment tal-Ghajnuna Socjali kienu qalulha li l-konvenut kien qieghed jirregistra u ghalhekk hasset li ma setghax ihallas manteniment. Qalet illi r-rota u t-tablet kienu inxtraw minn ommha u li llum il- gurnata iben il-partijiet m'ghadx ghandu bzonn nuccali.

**RB** xehdet (vide affidavit a fol 276 *et seqq.*) illi hija tigi omm l-attrici u illi meta l-attrici kellha t-tarbija l-konvenut kien imur ghandhom sabiex jara lil ibnu izda kien imur tard, u cioe ghal xi 9.00pm hlief ghal Hadd meta kien imur ghal ftit hin wara nofsinhar. Qalet li sakemm kien ikun id-dar hija qatt ma rat lill-konvenut jerfa' jew jilghab ma' ibnu, u qatt ma ratu jiehu hsiebu, filwaqt illi finanzjarjament kien ghen lill-attrici biss sakemm kieku f'relazzjoni flimkien. Meta ir-relazzjoni giet terminata, il-konvenut gab ruhhu daqs li kienu l-minuri ma kienx aktar ibnu. Qalet illi hi kienet marret tkellmu d-dar sabiex forsi l-partijiet jirrangaw, fl-interess ta' binhom, izda l-konvenut hareg b'pala f'idejh u beda jaghtiha kemm jiflah biha. Spjegat li l-attrici qatt ma riedet iccahhad lill-konvenut milli jara lil binhom u ghalhekk xorta baqghat tipprova tibqa' tiehu t-tifel ghand omm il-konvenut izda l-konvenut kien jirrifjuta li jarah, u ziedet li minn dak iz-zmien, il-konvenut ukoll irrifjuta li jikkontribwixxi finanzjarjament fit-trobbija ta' ibnu, u qata' kull tip ta' kuntatt minn Ottubru tas-sena 2001. Xehdet li l-attrici tiehu hsieb lil binha b'hafna ghozza u dejjem tixtrilu dak li jkollu bzonn, inkluz toys biex ikollu biex jilghab u kostumi ghall-karnival.

**In kontro-ezami** xehdet illi meta kienet tkellem lill-konvenut sabiex jghin lill-attrici fl-ispejjez relatati mal-minuri huwa dejjem kien jirrispondiha li ghandha tfittxu bil-Qorti. Innegat li kienet tindahal fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u li qatt kecciet lill-konvenut mid-dar.

**SF** xehed a fol 342 u qal illi huwa jhallas kera ta' €14 kuljum ghall-garaxx li jikri.

Xehed (vide **affidavit** a fol 358 *et seqq*) illi l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien ghal ftit xhur meta l-attrici harget tqila b'binhom L, u li dak iz-zmien huwa kellu tmintax -il sena. Qal illi ghalkemm dan kien xokk ghalih huwa kien qal lill-attrici li kien lest li jgorr ir-responsabilitajiet tieghu bhala missier ghalkemm ma kienx ghadu lest li jizzewweg. Xehed illi l-karattru tal-attrici kien inbidel mill-lejl ghan-nar u li ommha kienet tindahal hafna f'hajjithom, tant illi kienu sfurzawh jattendi ghat-twelid tat-tifel minkejja li kien qalilhom li huwa m'ghandux stonku ghal dawn l-affarjiet. Qal illi meta twieldet it-tarbija kien jaghti lill-attrici Lm25 fil-gimgha sabiex jara li t-tarbija ma jkunx jonqosha xejn, izda darba minnhom ommha kienet qabdet argument mieghu, l-attrici kompliet maghha u ghalhek kienu keccewh il-barra bit-tarbija. Xehed illi sussegwentement kien ra lill-attrici ma' ragel iehor u kienu iggieldu u ma baqax jiltaqa' aktar mal-attrici. Qal illi l-attrici baqghet tiehu lit-tifel ghand ommu biex jarah, izda l-attrici kienet tigbor lit-tifel aktar tard milli jkunu ftehmu biex ommu tkun lahqet telqet, ghaliex kienet taf li hu kien jippanikja jekk ikun wahdu bit-tifel, u kien ghalhekk li kien qalilha li ma kellhiex ghalfejn tiehu lit-tifel iktar. Xehed illi huwa jahdem bhala *sprayer* u ghandu profitt ta' cirka €8,400 fis-sena, li minnu irid inaqqas l-ispejjez personali tieghu bhal per ezempju kera ghall-akkomodazzjoni.

**In kontro-ezami** a fol 374 *et seqq* xehed illli min-negozju tieghu huwa jaqla' cirka €1,000 fix-xahar li minnhom irid inaqqas l-ispejjez, inkluz il-kera. Ftit wara qal illi f'idejh huwa jibqalu' cirka €1,000 fix-xahar bhala paga tieghu. Mistoqsija kemm ghandu paga l-lavrant tieghu wiegeb illi l-paga tal-lavrant hija fl-ammont ta' €180 fil-gimgha. Mistoqsi kemm kellu paga qabel ma fetah in-negozju tieghu wiegeb illi kellu paga ta' Lm60 fil-gimgha.

**SM** xehed a fol 342 *et seqq* illi huwa l-accountant tal-konvenut u dan ghal dawk l-ahhar tlieta jew erba' snin. Spjega li mill-informazzjoni li jaghtih il-konvenut, il-konvenut jaqla' cirka €9,000 fis-sena.

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza wara kawza intavolata mill-attrici ghall-hlas tal-manteniment dovut mill-

konvenut ghall-htigijiet ta' binhom LF. Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni, mill-liema relazzjoni twieled LF f'X. Jirrizulta wkoll illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet sfaxxat meta binhom kien ghadu tarbija u li l-konvenut ma kienx baqa' jzomm kuntatt ma' ibnu jew jikkontribwixxi fit-trobbija tieghu minn Ottubru 2001. Jirrizulta wkoll illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta' Jannar 2010 il-konvenut kien gie zvestit mis-setgha tal-genituri fil-konfront tal-istess LF.

**Ikkonsidrat;**

Il-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici ghall-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili, u l-Qorti tqis illi jkun utli li tigi l-ewwel nett ezaminata din l-ecezzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi illi "*l-azzjonijiet ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment*" jaqghu bi preskrizzjoni ta' hames snin.

L-artikolu 2123 (b) jipprovdi illi l-preskrizzjoni ma timxix "*bejn il-genitur u t-tifel* ***<u>li hu taht is-setgha tal-genituri</u>****.*" [enfazi ta' din il-Qorti]. Ghalhekk mid-data tat-twelid tal-minuri sad-data tas-sentenza permezz ta' liema l-konvenut gie zvestit mis-setgha ta' genitur, u cioe t-28 ta' Jannar 2010 (fol. 9), l-ebda preskrizzjoni ma kienet dekoribbli fir-rigward tal-hlas tal-manteniment ta' iben il-partijiet. Imbaghad, mill-provi jirrizulta illi effettivament m'ghaddewx hames snin mid-data meta l-konvenut gie zvestit mis-setgha ta' genitur u d-data meta l-attrici bdiet il-proceduri necessarji sabiex titlob il-hlas tal-manteniment dovut mill-konvenut ghall-htigijiet ta' ibnu. Jirrizulta illi fl-1 ta' Settembru 2010, l-attrici intavolat ittra ghall-medjazzjoni ai termini tar-regolament numru 4 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 permezz ta' liema talbet li jigu inizjati proceduri ta' medjazzjoni ghall-likwidazzjoni tal-manteniment dovut mill-konvenut ghal binhom (fol. 15). Il-Qorti taghraf illi skont ir-regolament numru 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20:

> **"*Meta persuna tkun meħtieġa taħt xi liġi tipproċedi quddiemxi qorti f'xi żmien partikolari, dawk il-proċeduri għandhom għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri jitqiesu li jkunu hekk inbdew malli tiġi ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti l-ittra msemmija fir-regolament 4(1).*"**

Ghalhekk, b'applikazzjoni ta' dan ir-regolament, il-preskrizzjoni li bdiet tiddekorri fit-28 ta' Jannar 2010 giet interrotta hekk kif giet intavolata l-ittra ta' medjazzjoni, u cioe fl-1 ta' Settembru 2010, u ghalhekk ferm qabel l-gheluq tal-hames snin ikkontemplati fl-artikolu 2123(b) tal-Kodici Civili. Ghaldaqstant huwa evidenti li din l-eccezzjoni hija nfondati u qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut jeccepixxi illi l-ewwel talba attrici hija nfondata ghaliex permezz tas-sentenza fl-istess ismijiet moghtija fl-atti tac-citazzjoni numru 20/05NC fit-28 ta’ Jannar 2010 huwa gie zvestit mill-jeddijiet kollha ta’ setgha ta’ genitur.

Il-Qorti taghraf illi l-effetti tas-setgha tal-genituri fuq l-ulied taht l-eta huma rregolati permezz tad-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu I tat-Titolu IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili. In succint, dawn l-effetti huma s-segwenti:

- Id-dmir tal-ulied illi jobdu lill-genituri f’dak kollu permess mill-ligi (art. 132 (1);
- Id-dritt tal-genituri li jaghzlu r-residenza tal-ulied (art. 132 (2);
- Id-dritt tal-genituri li jnehhu mill-familja dak il-wild li ma jistghux irazznu (art. 134);
- Id-dritt li jidhru ghall-uliedhom fl-atti kollha tal-hajja civili (art. 135);
- Id-dritt li jamministraw il-proprjeta ta’ uliedhom, bid-dmir illi jaghtu rendikont tal-amministrazzjoni taghhom (art. 136);
- Id-dritt li jaccettaw wirt a nom ta’ uliedhom (art. 137);
- Id-dritt li jgawdu l-uzufrutt tal-beni ta’ uliedhom (art. 141).

Minn naha l-ohra, il-manteniment tal-ulied huwa rregolat permezz tad-disposizzjoni tas-Sub-Titolu II tat-Titolu I tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili. Huwa car illi l-obbligu tal-manteniment tal-ulied huwa wiehed assolut, li ma jispiccax jekk genitur jigi zvestit mis-setgha tal-genituri. Skont l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili:

> “***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.***”

F’dan l-artikolu ma ssir l-ebda eccezzjoni, bhal ma ssir fl-artikolu 2123 (b), illi l-ulied li ghalih jirreferi l-artikolu huma biss dawk li qieghdin that is-setgha tal-genituri. Skont il-ligi, l-obbligu tal-manteniment tal-ulied jista’ jigi sospiz jew jispicca biss fis-segwenti cirkostanzi:

- fejn ma jkunx hemm genituri jew il-genituri ma jkollhomx mezzi, ghalkemm f’dawn iz-zewg kazijiet l-obbligu tal-hlas tal-manteniment jiddevolvi *ex lege* fuq l-axxendenti l-ohra tal-ulied (art. 7(2));

- fejn l-ulied jizzewgu kontra r-rieda tal-genituri, jekk jigu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha imposti mill-ligi (art. 27);
- ghal dawk ir-ragunijiet li ghalihom dixxendent jista' jigi dizereditat minn axxendent (art. 32);

Huwa car ghalhekk illi t-tnehhija tas-setgha ta' genituri m'hijiex wahda minn dawk ic-cirkostanzi li tista' taghti lok ghas-sospenzjoni jew terminazzjoni tal-obbligu ta' dak il-genitur li jmanti lil uliedu. Peress illi l-ebda wahda minn mic-cirkostanzi li jistghu jaghtu lok ghal dan kif spjegat aktar -il fuq ma tissussisti f'dan il-kaz, huwa car illi din l-eccezzjoni tal-konvenut hija nfondata fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti sejra issa ghalhekk tikkonsidra t-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment ta' iben il-partijiet. M'hemmx dubbju illi l-konvenut ma ta l-ebda kontribut ghat-trobbija ta' ibnu minnu mindu l-minuri kellha cirka sena u sitta xhur, u dan skont ix-xhieda kemm tal-attrici u kemm tal-konvenut stess. Jirrizulta illi l-attrici qatt ma ressqet talba sabiex il-konvenut jigi ordnat ihallas manteniment ghall-htigijiet ta' binhom minuri, qabel l-1 ta' Settembru 2010 meta l-minuri kien diga ghalaq ghaxar snin. Madanakollu, Il-Qorti taghraf illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> **"*Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.*"**

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

> **"*Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul.*"**

Il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> **"*tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, l-oneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghal-manteniment taghhom*."**

Il-Qorti rat illi l-attrici rabbiet lil iben il-partijiet kompletament waheda. Dan tant illi l-konvenut stess ma jichadx illi huwa qatt ma ghamel l-ebda tip ta' kontribut fit-trobbija ta' binhom, imqar finanzjarju, u tilef l-interess fit-tifel meta dan kien ta' eta verament tenera ghaliex allegatament kien ra lill-attrici ma' ragel iehor. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija tat-tifel waqa' kollu fuq spallejn l-attrici, minghajr l-ebda assistenza mill-konvenut missier il-wild. Il-Qorti tqis ghalhekk illi mhux talli l-fatt illi l-attrici rabbiet lil iben il-partijiet wahedha illimita l-kapacita taghha li tiggenera introjtu, izda wkoll tagharaf illi hija ghamlet kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-wild. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat.

Rigward il-mezzi taghha l-attrici xehdet illi hija qatt ma hadmet u illi kienet tghix fuq l-assistenza socjali provduta mill-Istat. Il-Qorti issib dan difficli biex temmen ikkonsidrat illi l-attrici stess qalet ukoll fl-affidavit taghha illi hija kellha tohrog tahdem meta kienet inharqet id-dar u li ghalhekk kienet tiehu lit-tifel *childcare*. Rigward il-htigijiet tat-tifel spjegat illi meta kien Form 3, l-ispejjez edukattivi annwali tieghu kienu fl-ammont ta' cirka €600 fis-sena, u li oltre dan, kienet ukoll thallas €200 fis-sena biex it-tifel imur jilghab *football*. Rigward spejjez medici xehdet illi t-tifel ilu bin-nuccali minn mindu kien Year 1, u li ghalhekk sad-data tal-affidavit kien xtratlu xi ghaxar nuccalijiet, u kienet tiehdu ghal vista ta' ghajnejh kull sitt xhur.

Il-Qorti wkoll issibha difficli temmen ix-xhieda tal-konvenut rigward il-mezzi tieghu. Fl-affidavit tieghu xehed illi huwa ghandu introjtu ta' cirka €700 fix-xahar. Quddiem din il-Qorti imbaghad l-ewwel qal illi l-introjtu tieghu huwa ta' €1,000 li minnhom ried inaqqas l-ispejjez tan-negozju, inkluz il-kera tal-garaxx (14€ kuljum x 30, fl-ammont ta' €420 fix-xahar) u l-paga tal-lavrant f'ammont ta' €180 kull gimgha (€180 x 4 gimghat = €720). SF pero, ftit wara biddel il-verzjoni u qal illi l-introjtu tieghu huwa ta' €1,000 fix-xahar f'idejh. L-accountant tal-konvenut

minn naha tieghu qal illi skont l-informazzjoni li jaghtih il-konvenut, huwa ghandu introjtu ta' cirka €9,000 fis-sena. Il-Qorti rat illi l-konvenut ma ressaq l-ebda provi dokumentarji oggettivi dwar l-introjtu tieghu. Il-Qorti sejra ghalhekk tqis illi l-introjtu tal-konvenut kien f'ammont minimu ta' €1,000 nett fix-xahar.

Il-Qorti rat illi iben il-partijiet illum il-gurnata huwa maġġorenni, u ghalhekk din il-Qorti trid tillikwida arretrati ta' manteniment, u dan ikkonsidrat illi ma tressqet l-ebda prova li iben il-partijiet qieghed jistudja fuq bazi *full-time.* Il-Qorti rat ukoll illi l-konvenut beda jhallas manteniment f'Mejju 2011 wara li gie ordnat permezz ta' digriet *pendente lite* sabiex ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, ghalkemm jirrizulta illi l-konvenut qatt ma gie ordnat sabiex ihallas sehemu mill-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikurali tal-minuri. Wara li rat il-provi imressqa mill-partijiet dwar il-mezzi taghhom u l-prospett prezentat mill-attrici dwar l-ispejjez li hija inkorriet ghat-trobbija tal-minuri, u wara li hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi l-konvenut ma kellu l-ebda sehem fit-trobbija ta' ibnu, il-Qorti tqis illi l-manteniment pagabbli ghas-snin bejn Ottubru 2001 u Mejju 2010, u cioe sakemm it-tifel ghalaq ghaxar snin, ghandu jkun fl-ammont ta' €250 fix-xahar, ghal total ta' mija u tlett (103) xhur. B'hekk ghal dawk is-snin, l-ammont ta' manteniment dovut mill-konvenut huwa fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, seba' mija u hamsin ewro (**€25,750**).

Ikkonsidrat il-fatt illi l-htigijiet tal-wild komplew jikbru mieghu, u ikkonsidrat ukoll l-gholi tal-hajja, il-Qorti tqis illi l-manteniment li kellu jkun pagabbli mill-konvenut ghas-snin bejn Mejju 2010 u Mejju 2018 huwa fl-ammont ta' 300 fix-xahar, ghal total ta' sitta u disghin (96) xahar. Dan b'total ta' €28,800, li minnhom ghandhom jitnaqqsu il-manteniment ta' €200 fix-xahar li l-konvenut kien diga qieghed ihallas bis-sahha tad-digriet ta' din il-Qorti ta' Gunju 2011, u cioe s-somma totali ta' €19,000 (€200 x 95 xahar). Ghaldaqstant, is-somma dovut mill-konvenut ghal dan il-perjodu hija fl-ammont ta' disghat elf u tmien mitt ewro (**€9,800**).

Il-Qorti rat illi minn Ottubru 2001 sakemm iben il-kontendenti ghalaq tmintax -il sena, il-konvenut qatt ma kkontribwixxa ghall-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikurali tieghu. Wara li rat il-provi imressqa, il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' hames mitt ewro (€500) fis-sena, versu dawn l-ispejjez u dan ghal perjodu ta' sbatax -il sena. Ghaldaqstant, l-ammont dovut mill-konvenut ghall-dawn l-ispejjez huwa ta' tmint elef u hames mitt ewro (**€8,500**).

Ghaldaqstant l-ammont komplessiv dovut mill-konvenut lill-attrici huwa fis-somma ta'

erbgha u erbghin elf u hamsin ewro (€44,050), u cioe': 25,700 +
9,800
8,500
**€ 44,050**

rapprezentant il-manteniment dovut mill-konvenut ghall-htigijiet ta' iben il-partijiet ghas-snin bejn Ottubru 2001 u Mejju 2018 skont kif spjegat aktar -il fuq, u sehemu mill-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikurali bejn Ottubru 2001 u Mejju 2018.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attrici peress illi iben il-partijiet sar maġġorenni fil-mori tal-kawza, tillikwida s-somma dovuta mill-konvenut bhala manteniment u sehemu mill-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikurali ta' LF ghas-snin bejn Ottubru 2001 u Mejju 2018 fis-somma komplessiva ta' erbgha u erbghin elf u hamsin ewro (€44,050), u tordna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata ta' erbgha u erbghin elf u hamsin ewro (€44,050) lill-attrici.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**